MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 357/2011

**A J B**

**vs**

**D B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li jippremetta :

1. Illi l-partijiet A J u D konjugi B zzewgu fl-erbatax (14) ta’ Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u mir-relazzjoni taghhom kellhom tifla li ghadha minuri cioe` E R li twieldet fit-12 ta’

Novembru 2005;

2. Illi l-partijiet huma cittadini Inglizi izda stabbilew ir-residenza permanenti taghhom f'Malta kwazi tlett snin ilu. Flimkien mal-partijiet u ma binthom minuri E R kien jirrisjedi wkoll il-wild naturali tal-intimata li jismu Joe Burland – lkoll flimkien bhala familja bdew jirrisjedu f'Malta u stabbilew id-dar matrimonjali taghhom fl-appartament numru 26, Maidavale Court, Triq il-Port Ruman, San Pawl il-Bahar (kopja tal-karta tal-identita` tar-rikorrent li ttiehdet f'Jannar ta' din is-sena qed tigi hawn annessa u mmarkata bl-ittra "A");
3. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet ma baqatx aktar possibbli u dan billi l-intimata rrendiet ruhha hatja versu zewgha, u f'kazijiet minnhom anke versu bint il-partijiet, ta' eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi;
4. Illi l-intimata fuq pretest falz, ghazlet li titlaq minn Malta bejn Lulju u Awwissu ta' din is-sena minghajr lanqas biss gharrfet lir-rikorrent b'dan u minghajr ma taghtu ebda informazzjoni dwar fejn kienet ser tmur tirrisjedi u minn dak in-nhar l-intimata ma rritornatx lura f' Malta.
5. Illi inoltre z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u dan unikament bi htija tal-intimata minhabba fl-agir abbuziv taghha kontra r-rikorrent u kontra binthom;
6. Illi fl-erbgha (4) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) ir-rikorrent talab sabiex jibdew proceduri ta' medjazzjoni u stante li l-medjazzjoni ma halliet l-ebda frott hu gie awtorizzat mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) biex jipprocedi bil-kawza odjerna ghall-firda personali liema digriet relattiv huwa datat sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011). Kopja legali tad-digriet relattiv qed jigi hawn anness u mmarkat bl-ittra **"B"**.
7. Illi pendente lite, ir-rikorrent ottjena wkoll digriet mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tat-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) (Dokument mmarkat bl-ittra **"C"**) li permezz tieghu huwa gie fdat bil-kura l-kustodja tat-tifla minuri tal-partijiet fuq imsemmija. L-intimata pprezentat rikors generali fejn talbet ir-revoka tal-imsemmi digriet izda it-talbiet taghha gew michuda permezz ta' digriet datat sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) (Dokument mmarkat bl-ittra **"D");**

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, b'tort unikament tal-intimata;
2. Tafda f'idejn ir-rikorrent il-kura u l-kustodja tat-tifla minuri E R;
3. Tiddikjara xjolta u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;
4. Tassenja lir-rikorrent l-assi hekk likwidati li jmissu lilu ; u
5. Tapplika kontra l-intimata l-effetti kontemplati fl-artikoli 48, 51 u 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat illi l-attur irrinunzja ghall-ewwel talba tieghu, dik ta' pronunzjament ta' separazzjoni.

Rat illi l-konvenuta hija kontumaci f'din il-kawza,

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dolumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet gha-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet b'dan li minkejja li l-intimata giet debitament notifikata bir-rikors promotur *ai termini* tar-Regularion E.C. numru 1393/2007, l-istess intimata baqghet qatt ma intavolat risposta guramentata u konsegwentement hija kontumaci f'dawn l-istess proceduri.

**<u>VERZJONI RIKORRENTI</u>**

Permezz tal-affidavit tieghu[1] r-rikorrent jispjega kif sar jaf lill-intimata u jaghti spjegazzjoni tas-sitwazzjoni li kienet fiha, liema sitwazzjoni xejn ma kienet felici. Jghid li peress li thassarha, dahhalha tghix fir-residenza tieghu flimkien mat-tifel li kellha (li m'huwiex iben ir-rikorrent). Ghalkemm fil-bidu r-relazzjoni ta' bejn ir-rikorrent u l-minuri kienet wahda difficli, maz-zmien ir-relazzjoni taghhom tjiebet. Kien hemm zmien difficli anke bejn l-intimata u omm ir-rikorrent li wasslet ghall-partijiet sabiex iwaqqfu r-relazzjoni taghhom, pero' maz-zmien regghu irrangaw u komplew irabbu lill-minuri Joe bhal li kieku kien binhom it-tnejn.

L-attur jiddiskrivi l-karattru tal-konvenuta bhala wiehed ta' zewg estremi – jew ferhana hafna u turi l-imhabba jew depressa, *moody* u zzomm is-sigrieti apparti li kienet turi aspett agressiv. Jghid li ommha kkawzatilhom diversi problem billi kienet iccempel lid-dipartimenti bil-ghan li jihdulha l-minuri. Is-sitwazzjoni kompliet taggrava ruhha meta l-intimata harget tqila mir-rikorrent. Kien f'dan iz-zmien li r-rikorrent kien cert li ma setax jitlaq ghaliex ma kienx ser ihalli lill-minuri Joe u lit-tarbija li kienet gejja fid-dinja warajh.

Jghid li skopra li l-intimata kellha *history* ta' schizophrenia b'dan li anke missierha kellu din l-istess kondizzjoni. Kien inkwetat li din l-istess kondizzjoni tista' tintiret fuq uliedu. Izid jghid ukoll li mir-rapporti

[1] Esebit a fol 56 tal-process

(rizultat ta' dak li kienet tallega omm l-intimata) gie konkluz li r-rikorrent ma qajjem ebda *concern* jew li seta' jikkommetti xi atti ta' vjolenza fuq l-intimata jew il-minuri u ghalhekk kien ixxukkjat meta ra numru ta' ufficcjali wara l-bieb jistaqsu u jfittxu lill-intimata ghaliex kienet tilfet numru ta' appuntamenti inkluzi dawk ta' wara t-twelid.

Jispjega li minkejja li t-twelid ta' bintu ma kienx facli, kollox mar sew. Kien hu li zamm lill-istess bintu ghaliex l-intimata qalet li kienet mugugha wisq biex izzomm lil bintha. Jghid li l-intimata intefghet fil-kamra tas-sodda u kien ikun difficli li tohrog u qajjem din il-kwistjoni mal-*health visitor*. Kienet qed tiehu xi medicini wkoll. Ir-relazzjoni ma' bintha ma kienitx wahda tajba tant li jghid li ma kienx hemm *bonding* bejniethom. L-intimata kienet tghid li kienet tibza' li tweggaghha jew li kienet ser tigri xi haga hazina. Ippruvat taghmel *bonding* maghha imma donnu ma kellhiex dak li huwa necessarju ghaliex anke biex tredda lit-tarbija, kienet izzomm *magazine* fuq ras it-tarbija. Apparti li kien iqatta' hafna hin mat-tfal u kien jahdem, l-attur kien jassigura ruhu li anke l-minuri Joe qed jinghata l-importanza u l-attenzjoni li kellu bzonn biex ma jhossux *left out*.

Meta l-intimata riedet tirritorna lura ghax-xoghol ghax hasset li din setghet tkun ta' gid ghaliha, r-rikorrent baqa' d-dar mal-ulied. Izda s-sitwazzjoni, ghalkemm kienet tjiebet, ma kienitx sostenibbli peress li l-partijiet kellhom bzonn il-flus. Kien ghalhekk li kellu jerga' johrog jahdem. L-intimata pero' ma rieditx tibqa' mat-tfal biss u ghalhekk kellhom bilfors isibu lil xi hadd biex joqghod mal-ulied. Is-sitwazzjoni tjiebet sakemm imbaghad miet missierha u ommha bdiet tallega li l-intimata kienet ikkagunat il-mewt ta' missierha bl-inkwiet.

L-intimata regghet marret ghall-ahjar b'dan li kien hemm zmien fejn ir-relazzjoni ma' ommha tjiebet ukoll. Il-partijiet iddecidew li jizzewgu izda f'dik li kellha tkun il-gurnata taghhom, omm l-intimata qalet kliem li ma kienx xieraq kemm lin-nies tal-*hotel* kif ukoll lill-attur u lil bintha stess. Bdiet tghid li tobghod lill-minuri z-zghira u li thobb biss lill-

minuri Joe. Il-familjari tar-rikorrent ikkonfermaw dak li kienet tghid l-intimata fuq ommha stess meta raw u semghu dan kollu. Iz-zmien felici taz-zwieg dam biss tlett xhur ghaliex l-intimata regghet waqghet fid-*depression* u kien hemm ukoll problem finanzjarji. Kien f’dan iz-zmien li l-partijiet iddecidew li jigu jghixu Malta.

F’Malta l-attur ssusspetta li l-konvenuta kellha relazzjoni adultera mal-*electrician* u wara regghet waqghet f’*depression*. Lejn zmien il-Milied skopra li kellha relazzjoni ohra fuq l-*internet* izda ghazel li ma jghid xejn dwarha biex ma jirrovinax il-Milied. Ghalkemm stqarret li kienet ser tbiddel l-attitudni taghha, r-relazzjoni baqghet ghaddejja u ghalhekk ir-rikorrent ikkonfrontaha dwarha. Wara li kien intavola mandat ta’ impediment di partenza fuq bintu (ghaliex legalment dan ma setax isir minnu fuq il-minuri l-iehor), kkonfrontaha fuq evidenza li sab li kienet turi li kellha intenzjoni li titlaq bit-tfal lejn l-Ingilterra. Jghid li l-fatt li l-intimata kienet ser tiehu lill-minuri Joe minn hajtu u minn Malta kien devastanti kemm ghalih kif ukoll ghall-minuri izda legalment ma seta’ jaghmel xejn aktar. Ghalhekk meta l-konvenuta talbitu biex imorru lura d-dar accetta izda stqarr maghha li z-zwieg kien spicca. Il-minuri Joe kien mifxul ghaliex filli kien qed jghid *bye* lir-rikorrent u filli regghu marru lura fid-dar. L-intimata mbaghad bdiet tghix hajja xellerata b’dan li r-rikorrent spicca jiehu hsieb lill-minuri wahdu. Din is-sitwazzjoni kienet tajba ghalih ghaliex b’hekk seta’ jqatta’ l-hin mal-minuri u fl-istess hin jevita li jara jew li jkun mal-intimata. Xejn ma kien sorpriz meta nhar id-9 ta’ April ircieva telefonata fis-sens li l-konvenuta kienet telqet u li kienet halliet lit-tfal mieghu. Jghid li ilu ma jara lill-minuri Joe minn Lulju 2011 b’dan li bintu m’ghandhiex kuntatt ma’ huha ghalkemm darba f’Ottubru kien hemm telefonata.

Jaghlaq l-affidavit tieghu billi jghid li bintu hija kuntenta, ‘il boghod mill-istat ta’ sakra li kienet tkun fiha l-intimata. It-tifla kibret u kabbret il-kunfidenza fiha nnifisha u bejniethom hemm relazzjoni tajba hafna.

Imbaghad permezz tal-affidavit ulterjuri tieghu[2] jghid li fi Frar 2011 ircieva telefonata disturbanti minghand Joe fejn qal li kien abbuzat fizikament mill-*boyfriend* il-gdid ta' ommu izda din tal-ahhar kienet pronta li tiehu  t-telefon f'idejha. Dan l-istess *boyfriend* hedded lir-rikorrent u qallu biex ma jindahalx u kien ghalhekk li l-attur avza lill-awtoritajiet kemm Maltin kif ukoll tal-Ingilterra b'dan ghaliex ihoss li l-minuri Joe ghandu bzonn l-ghajnuna u l-protezzjoni.

Jghid ukoll li minkejja l-allegazzjonijiet kollha li ghamlet l-intimata fil-konfront tieghu, kull investigazzjoni li saret (anke dik intima fuq il-minuri) r-rizultati hargu fin-negattiv u dan  juri li r-rikorrent ma kkommetta xejn hazin fil-konfront ta' bintu.

**<u>IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM  IL-QORTI</u>**

Permezz tan-nota guramentata tieghu[3], r-rikorrent jirrileva li r-responsabbilita' ghas-separazzjoni ta' bejniethom ghandha tinghata lill-intimata u dan minhabba agir abbuziv fil-konfront tieghu kif ukoll fil-konfront ta' binthom E R. Jikkontendi wkoll li ghandu jigi fdat bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri (u dan anke b'konferma tad-digriet tal-Qorti datat it-30 ta' Mejju 2011[4]) b'dan li ghandu jkun l-istess rikorrent li jibqa' jiehu hsieb l-ahjar interessi tal-minuri. Izid jghid ukoll li l-intimata m'hijiex kapaci tiehu hsieb lill-minuri u *stante* li l-istess intimata tghix l-Ingilterra, l-access ghandu jigi ezercitat f'Malta. Fuq kwistjoni ta' manteniment jghid li l-istess intimata ghandha impjieg fiss u li fuq kollox, ddekadiet mid-dritt taghha ghall-istess manteniment. Rigward l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, r-rikorrent jiddikjara li m'hemm ebda assi immobbiljari *stante* li l-partijiet kienu jghixu f'appartament mikri. Jghid li hemm biss zewg

[2] Ara a fol 68 tal-process

[3] Ara a fol 40 tal-process

[4] Ara Dok. C anness mar-rikors promotur esebit a fol 15 tal-process

sufanijiet u televison li huma fil-pussess tieghu b'dan li l-intimata bieghet xi mobbli *ad insaputa* tieghu u hadet ukoll l-assi personali taghha qabel ma telqet lejn l-Ingilterra. Ghalhekk jikkontendi li ghandu jzomm dawn il-mobbli anke peress li hu ma inghata ebda ammont ghal sehemu mill-mobbli li nbieghu mill-intimata jew li ttiehdu minnha. Jghid li hemm ebda flus depositati u lanqas investimenti izda hemm dejn ma' omm l-istess rikorrent li l-bilanc tieghu jammonta ghal Euro 1,100 li jithallas minnu permezz ta' pagamenti mensili ta' Euro100. Hemm ukoll dejn ma' Deborah Ann Aspinall orginiarjament fl-ammont ta' Euro1030 ghall-ispejjez tad-dawl u l-ilma.

Ir-rikorrent jipprezenta wkoll numru ta' xiehda permezz tal-affidavit, fosthom ta' ommu Rose Margaret B[5], ta' ohtu Deborah ann Aspinall[6], ta' Maria Barnes[7], ta' Roswitha Sammut[8], ta' John E. Abela[9], ta' Francis Aidan Aspinall[10] u ta' Michael Denton[11]. Ix-xhieda jikkonfermaw (anke jekk mhux bl-istess dettal) dak li jsostni hu fil-konfront tal-intimata kif ukoll dwar l-imgieba tieghu mal-minuri.

Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta' Graziella Spiteri[12] mic-*Child Protection Services* fi hdan l-Agenzija Appogg li tesebixxi ittra minn *social worker* gewwa l-Ingilterra li turi li l-minuri li l-intimata kellha qieghed taht il-kura u l-kustodja ta' missieru b'dan li z-zewg ulied ohra tal-intimata gew addottati wara l-hrug ta' *care orders*.

---

[5] Ara a fol 45 tal-process

[6] Ara a fol 70 tal-process

[7] Ara a fol 79 tal-process

[8] Ara a fol 83 tal-process

[9] Ara a fol 85 tal-process

[10] Ara a fol 28 tal-process

[11] Ara a fol 86 tal-process

[12] Ara x-xhieda taghha datata s-7 ta' Marzu 2014

**DWAR IT-TALBA TAL-KURA U L-KUSTODJA TAL-MINURI**

Il-Qorti tirrileva li t-talba ta’ kura u kustodja ghandha tigi determinata u deciza skond il-principju tal-ahjar interessi tal-minuri. Ir-rikorrent jikkontendi li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata esklussivament f’idejh anke minhabba l-fatt li l-istess intimata m’ghandha ebda interess fl-istess bint li tghix hawn Malta (‘l boghod minn ommha) u li ilha ma taraha ghal zmien twil.

Fid-dawl tal-fatt li l-intimata ma turix interess f’uliedha (tant li l-ulied li kienu maghha gewwa l-Ingilterra jew gew addottati u ttiehdu f’istitut) u fid-dawl tal-fatt li l-kuntatt bejn l-omm u l-bint huwa wiehed kwazi non-ezistenti, l-Qorti thoss li huwa naturali li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri m’ghandhiex tigi fdata f’idejn l-istess intimata izda f’idejn ir-rikorrent, li min-naha tieghu ilu jiehu hsieb lill-istess minuri b’mod esklussiv ghal zmien twil (ghall-anqas minn mindu l-istess intimata telqet mid-dar matrimonjali) u fuq kollox ghaliex m’hemm xejn mill-assjem tal-provi li jista’ jwassal lill-istess Qorti sabiex tasal ghall-konkluzjoni li ma jkunx fl-ahjar interess tal-minuri li tigi fdata bil-kura u l-kustodja taghha. Huwa ghalhekk li l-Qorti qed tikkonferma d-digriet taghha precedenti tat-30 ta’ Mejju 2011 u tikkonferma li r-rikorrent qed jigi fdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri.

Il-Qorti tirrileva li prezentement m’hemm ebda forma ta’ access li qieghed jigi ezercitat mill-intimata ghall-anqas b’mod formali. L-istess intimata lanqas biss tintavola xi forma ta’ rikors biex titlob access ghall-istess minuri. Jidher car li l-intimata m’ghandhiex interess f’uliedha. *Stante* li l-intimata ma prezentat ebda risposta guramentata ghall-proceduri odjerni u wisq anqas kontro-talba jew xi talba ghal access versu l-minuri l-Qorti ser tastjeni milli takkorda access ghall-istess omm u dan fin-nuqqas ta’ talba specifika.

**DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Permezz tan-nota guramentata taghha[13], ir-rikorrent jiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet hija komposta mis-segwenti:

Rigward l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, r-rikorrent jiddikjara li m'hemm ebda assi immobbiljari *stante* li l-partijiet kienu jghixu f'appartament mikri. Jghid li hemm biss zewg sufanijiet u televison li huma fil-pussess tieghu b'dan li l-intimata bieghet xi mobbli *ad insaputa* tieghu u hadet ukoll l-assi personali taghha qabel ma telqet lejn l-Ingilterra. Ghalhekk jikkontendi li ghandu jzomm dawn il-mobbli anke peress li hu ma inghata ebda ammont ghal sehemu mill-mobbli li nbieghu mill-intimata jew li ttiehdu minnha. Jghid li hemm ebda flus depositati u lanqas investimenti izda hemm dejn ghand omm l-istess rikorrent li l-bilanc tieghu jammonta ghal Euro 1,100 li jithallas minnu permezz ta' pagamenti mensili ta' Euro100. Hemm ukoll dejn ma' Deborah Ann Aspinall orginiarjament fl-ammont ta' Euro1030 ghall-ispejjez tad-dawl u l-ilma.

Il-Qorti tirrileva li r-rikorrent ma prezenta ebda dokumentazzjoni rigward l-allegat dejn jew investimenti li jsemmi. Ghalhekk fic-cirkustanzi, l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess b'dan li tiddikjara li kwalunkwe mobbli li jistghu ikunu fil-pussess tar-rikorrent, inkluz iz-zewg sufanijiet u *tv* flimkien mal-kontijiet bankarji u l-investimenti kollha li jinsabu intestati f'isem ir-rikorrent, ghandhom jitqiesu bhala l-proprjeta' esklussiva tieghu.

**DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLI 48 ET SEQ KONTRA L-INTIMATA**

[13] Esebita a fol 29 tal-process

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -

(a)il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-Qorti, kif diga' kellha l-opportunita' li tiddikjara aktar 'il fuq, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija imputabbli lill-intimata u ghaldaqstant fic-cirkustanzi thoss li ghandhom jigi applikat l-artikolu hawn citat fil-konfront tal-istess intimata.

**<u>DECIDE</u>**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba stante ir-rinunzja taghha a fol 140 tal-process;

[2] Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti b'dan li tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri E R f'idejn l-istess rikorrent b'mod esklussiv;

[3] Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent u konsegwentement tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti skond il-paragrafu intitolat 'Dwar it-talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti';

[4] Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti b'dan li qed jigu assenjati lilu l-mobbli nkluz iz-zewg sufanijiet u *tv* flimkien mal-kontijiet bankarji u l-investimenti kollha li jinsabu intestati f'isem ir-rikorrent li ghandhom jitqiesu bhala l-proprjeta' esklussiva tieghu.

[5] Tilqa' l-hames talba tar-rikorrenti b'dan li tapplika kontra l-intimata d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 fil-konfront tal-istess intimata.

Bl-ispejjez hekk kif mitluba kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------